# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Mejju, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 1136/00mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Joseph Schembri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm273.62) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-sevizz telefoniku bin-numru 490699 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement'

Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib l-isem 'Almeda Self Service', fi Triq Tommaso Dingli, Birkirkara, u dana skond ma kif jidher mill-anness 'service agreement' Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-7 ta' Mejju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg